MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-21 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 37/2005

Kawza fil-lista: 52

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Martin Fenech u**
**l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici,**
**kuraturi deputati nominati biex jirrapprezentaw**
**lill-assenti D B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet li hi, cittadina Maltija, izzewwget lill-konvenut, cittadin Ingliz, fil-15 ta’ Dicembru 1978, mill-liema zwieg il-partijiet ghandhom zewgt-it tfal li llum huma maggjorenni; li fil-21 ta’ Marzu 2003 il-konvenut abbanduna d-dar konjugali, u fl-1 ta’ Mejju 2004 huwa telaq minn Malta ghal kollox; li minn dak iz-zmien l’ hawn, il-konvenut ma

ssomministra ebda manteniment lill-attrici li, konsegwentement, giet kostretta tghix bl-assistenza socjali, u dan, nonostante li l-konvenut kien jahdem mas-servizzi Inglizi u llum jircevi pensjoni mensili mill-Ingilterra; li, ghalhekk, qed titlob li din il-Qorti:

1. Tillikwida retta alimentarja bhala manteniment ghall-istess attrici, u tordna lill-istess konvenuta sabiex ihallas din is-somma hekk likwidata lill-attrici b' dawk il-modalitajiet kollha li jidrilha xieraq, inkluz zieda perjodika fl-ammont u dana b' effett mill-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004);

2. Tordna li l-istess retta alimentarja tithallas direttament lill-attrici mill-pensjoni pagabbli lill-konvenut mir-Royal Air Force jew ordnijiet;

3. Tordna l-hrug ta' Ordni ta' Manteniment kontra l-konvenut D B ghall-hlas ta' manteniment hekk stabbilita a tenur tal-Att dwar l-Esekuzzjoni Reciproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment (Kap. 242) tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Sussegwentement tordna li jintbaghtu d-dokumenti kollha rekwiziti mill-Att imsemmi tramite ir-Registratur tal-Qrati lill-awtorita' responsabbli skond dak l-Att sabiex jigu trasmessi lill-pajjiz fejn jirrispjedi l-konvenut.

5. Tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet effettivi li jirrigwardaw manteniment u l-esekuzzjoni ta' ordnijiet ta' manteniment vigenti bejn il-pajjizi membri ta' l-Unjoni Ewropeja.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha ddikjaraw li huma ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw nota ulterjuri meta jkunu edotti bil-fatti;

Rat li, nonostante li l-konvenut gie notifikat personalment bl-atti tal-kawza fis-7 ta’ Frar 2008, huwa ma pprezenta ebda risposta ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, l-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li l-konvenut zewgha jigi ordnat minn din il-Qorti li jivversalha retta alimentarja li ghandha tigi likwidata minn din il-Qorti.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi mhux kontestati jirrizulta li l-attrici kellha hajja matrimonjali difficli mal-konvenut, peress li dan kellu l-vizzju tal-loghob, kien jixrob u okkazzjonalment kien ikun aggressive fil-konfront taghha u ta’ uliedhom. Il-hajja ta’ l-attrici kienet karatterizzata minn problemi finanzjarji u nuqqas ta’ flus ghal ghejxien taghhom, nonostante li zewgha kien jahdem ma’ l-Airforce Ingliza u kellu salarju tajjeb.

Illi eventwalment hija skopriet li zewgha kien omosesswali u matul il-konvivenza matrimonjali kellu relazzjoni ma’ diversi rgiel. Skond l-attrici, dan kien gie ammess lilha mill-konvenut li wkoll kien ipproponielha li “he told me to choose whether he would remain at the apartment [the then matrimonial home] and have the possibility of entertaining men in my daughter’s room, or leave.” Meta l-attrici rrifjutat din il-proposta, huwa telaq mid-dar konjugali, u eventwalment telaq minn Malta ghal kollox fid-dati fuq indikati.

L-attrici tghid li hi tipposjedi nofs indiviz mill-appartament 15 Catania Court, Triq il-Glieba, Bugibba, f’ San Pawl il-Bahar, liema fond kien inxtara mill-partijiet waqt il-konvivenza matrimonjali, mis-somma li l-konvenut kien ippercepixxa meta kien rtira mis-servizz. Tghid li pero’ il-

partijiet kienu hadu self bankarju ta’ Lm4,000 biex jattrezzaw l-istess fond, izda l-pagamenti tal-loan baqghu jithallsu minnha, stante li zewgha kien abbandunaha. Tghid li hi ma tahdimx, u qed tghix fuq l-assistenza socjali.

L-attrici resqet provi li juru li l-konvenut, flimkien ma’ ragel iehor, jipposjedu proprjeta’ gewwa l-Ingilterra, u precizament il-fond numru 62 Haig Road Blackpool UK. Tghid li l-konvenut ghandu pensjoni ta’ 1000 lira sterlina, li tawmenta ghal 1500 sterlina, meta dan jghalaq il-55 sena; u fic-cirkostanzi qeda titlob li parti minn din il-pensjoni, u parti mill-introjtu tieghu attwali, jigi moghddi lilha direttament bhala manteniment dovut lilha minn zewgha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti tikkunsidera t-talbiet attrici bhala gustifikati fil-fatt u fid-dritt, tenut kont tal-fatt li l-partijiet ghadhom mizzewwgin, u konsegwentement ghandhom, fost l-obbligi taghhom, dak tal-manteniment reicproku, u f’ dan il-kaz, jirrizulta li, filwaqt li l-konvenut ghandu penzjoni f’ ammont relevant, l-attrici qed ikollha tghix bl-assistenza socjali mahruga lokalment.

Illi, fic-cirkostanzi, il-Qorti tiffissa l-ammont tal-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici mensilment fis-somma ekwivalenti ghal seba mitt [700] ewro, liema somma ghandha tigi dedotta mill-pensjoni tieghu u tintbaghat mill-Ingilterra direttament lill-attrici f’ Malta fir-residenza fuq indikata; dan l-ammont ghandu jigi awmentat kull sena skond l-gholi tal-hajja kif indikat fl-indici ufficjali tal-gvern ta’ Malta. Inoltre, tordna, li l-imsemmi ammont ta’ 700 ewro jigi awmentat ghall-ammont ta’ tmien mitt [800] ewro hekk kif il-pensjoni tal-konvenut tigi awmentata ghal 1500 jew aktar fix-xahar.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti, u ghall-fini tal-quantum ta’ l-ammont dovut, tillikwida l-manteniment pagabbli kull xahar mill-konvenut lill-attrici, fl-ammont ta’ 700 ewro li ghandu jigi awmentat ghal 800 ewro kif fuq indikat.

L-ispejjez gudizzjarji kollha ghandhom ikunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------